**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 142/2019 RM**

**Dr. Kenneth Chircop pro et nomine**
**(ID 564082M)**

**-Vs-**

**Tim Diacono**

**Illum, 2 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Dr. Kenneth Chicrop (ID 564082M) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Malta Air Traffic Services Ltd (C 27956) ta' Malta Air Traffic Services Ltd, Gate No. 4, Malta International Airport, Triq tal-Isqof, l-Imqabba' fir-Registru ta' din il-Qorti nhar 4 t'Ottubru 2019 fid- 9 ta' filgħodu…
u jgħid il-għaliex m'għandux ikun ikkundannat :

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi bħala awtur u editur rispettivament tal-artikolu intitolat "**The Maltese Are Crooks' Says Top Macedonian Official In Leaked Conversation"** ippubblikat fis-sit eletroniku www.lovinmalta.com nhar il-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2019 (kopja ta' l-artikolu hawn annessi u mmarkat **Dok. 'A'**) hu mmalfama u llibella lill-esponent personalment kif ukoll lis-soċjeta' Malta Air Traffic Services Ltd illi huwa qiegħed leġittimament jirrappreżenta billi attakka l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni personali tal-

istess, kif ukoll espona lill-istess għar-redikolu u għad-disprezz pubbliku, permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet serji li huma għal kollox inveritieri u foloz kif ser jiġi ppruvat; u

**2.** Tħallaslu lill-esponent *pro et nomine,* il-massimu kontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta bħala danni in riparazzjoni tal-malafama li huma sofrew b'konsegwenza tal-artiklu fuq imsemmi u kif ukoll tal-kummenti ta' terzi ippubblikati taħtu, liema artiklu u kummenti kellhom l-għan li jtellfu u jnaqqsu ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur tal-esponenti *pro et nomine.*

Bl-ispejjes kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Tim Diacono li ġiet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar 20 ta' Settembru 2019 fejn ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi :

a Il-pubblikazzjoni hija waħda priveġġjata taħt l-Art. 4 (4) (a) tal-kap. 579 billi hija dwar materja ta' interess pubbliku dwar entita' stabbilit b'liġi u impjegat ewlieni tal-istess entita', liema materjal kien diġa ngħata pubbliċita' b'mod aċċessibli għal udjenza kbira f'media stabbiliti – kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

b Il-pubblikazzjoni hija waħda protetta taħt l-Art. 5 (1) tal-Kap. 579 billi l-intimat emmen – bħala fatt hekk hu – li dikjarazzjoni ppubblikata hija materja ta' interess pubbliku ; u

c Il-pubblikazzjoni hija waħda priveleġġjata wkoll taħt l-Art. 7 (1)(b) tal-Kap. 579.

2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-esponenti eżerċita d-diligenza meħtieġa qabel ma ġiet ippubblikata l-materja li dwarha qed jilmenta r-rikorrenti

kemm billi (i) talab l-kummenti tar-rikorrenti, liema kummenti waslu wara l-publikazzjoni iżda ġew ppublikati immedjetament wara li waslu għand l-esponenti; kif ukoll (ii) billi aċċerta ruħhu illi l-kontenut tar-*recording* mxandar kien wieħed ġenwin bejn żewġ uffiċjali għolja tal-gvern tal-Macedonia.

Rat l-Affidavit tal-attur ippreżentat fit- 3 ta' Jannar 2020u d-dokumenti annessi;

Semghet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti ;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat- 12 ta' April 2021;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat ;

Din hija azzjoni ta' libell istitwita taht id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ["l-Att"][1].

L-artikolu impunjat f'din l-azzjoni huwa l-artikolu li gie ppubblikat mill-konvenut fl-10 ta' Lulju 2019 fl-4.32 p.m. fuq is-sit elettroniku www.lovinmalta.com, intestat **'The Maltese Are Crooks,' Says Top Macedonian Official In Leaked Conversation**.

L-azzjoni giet intavolata mill-attur Kenneth Chircop, li huwa Kap Eżekuttiv (CEO) tal-kumpannija Malta Air Traffic Services Limited, f'ismu personali kif ukoll in

[1] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

rapprezentanza ta' (MATS), liema kumpannija wkoll tikkontendi li giet malafamata bl-artikolu ppubblikat mill-konvenut.

Minn qari tal-Affidavit tal-attur Kenneth Chircop, il-Qorti fehmet li s-siltiet li bihom l-attur hassu personalment aggravat u jikkontendi li gie malafamat bil-pubblikazzjoni taghhom, huma s-segwenti:-

"*Their system is very similar to the one we should buy,"* Taskesi responded. *"The Maltese CEO told me 'Nick, remember one thing…you will not sign a commission until the very end when every issue has been cleared. The moment you sign, it's over, and Leonardo won't come back.' They* [the Maltese] *have now written to the Italian embassy to flag serious omissions in the installation of the system*."

Imbaghad, kwantu ghal dawk l-istqarrijiet li huma allegatament malafamanti fil-konfront tas-socjeta` Malta Air Traffic Services Limited, l-attur fix-xhieda tieghu jindika s-segwenti brani:-

"*At one point, Taseski can be heard saying that, during a recent visit to malta, he found out that the Malta Air Traffic Services (MATS) had purchased an air traffic management system from Leonardo but had declared it as an "upgrade" so as to avoid having to issue a call for public procurement*."

L-attur isostni li l-kumpannija kif ukoll hu personalment ġew immalafamati u soffrew id-danni wkoll b'konsegwenza tal-kummenti li gew ippubblikati minn terzi persuni taht l-artikolu impunjat fuq l-istess sit elettroniku.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi l-punt ta' tluq f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att, għandu dejjem ikun id-determinazzjoni dwar jekk il-kriterju ta' ħsara serja ghar-reputazzjoni, stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att) huwiex sodisfatt

fil-każ partikolari. Dan l-Artikolu jistipola illi **stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju**.

Kwantu specifikatament azzjonijiet ta' malafama li jigu istitwiti minn korp li jopera ghal profitt, jingħad illi korp, bħala persuna legali, m'għandux emozzjonijiet u ma jistax ghalhekk, fil-prattika, iħossu offiz jew insultat iżda jista' jġarrab biss ħsara li ssarraf f'telf finanzjarju. Din il-ħsara m'hijiex limitata biss għal telf ta' introjtu għaliex l-avvjament ukoll fih valur f'termini monetarji u jista' jsoffri hsara u għalhekk, korp li jopera ghal profitt jista' jsostni azzjoni ghal malafama jekk il-kliem diffamatorju huwa kapaci jimpingi fuq ir-reputazzjoni kummercjali jew fuq in-negozju tieghu[2].

Il-Qorti ma tqisx illi huwa meħtieg sabiex jigi sodisfatt il-kriterju impost mill-Artikolu 3(4) tal-Att illi s-socjeta` aggravata tipprova telf finanzjarju **attwali** u dan minħabba fid-diffikolta` evidenti li jiġi ppruvat in-ness kawzali bejn il-malafama u t-tnaqqis tal-introjtu. Huwa għal din ir-raġuni li l-liġi tqis bħala suffiċjenti l-kriterju tal-**potenzjal** ta' ħsara serja jew, fil-kaz ta' korp li jopera ghal profit, telf finanzjarju serju. **Iżda l-liġi hi ċara li l-prova tas-serjeta` tat-telf finanzjarju jew tal-potenzjal ta' tali telf minħabba ghall-kumment impunjat, hija *sine qua non*.**[3]

Fil-fehma tal-Gatley:-

"*... if a statement is made as to the mode in which a trading company conducts its business such as to lead people of ordinary sense to the opinion that it conducts its*

---

[2] Gatley On Libel and Slander (2013 Ed.) 8.16, p. 295: *"A trading corporation or company "has a trading character, the defamation of which may ruin it".*

[3] Fid-dibattiti Parlamentari dwar l-introduzzjoni tad-Defamation Act 2013 fir-Renju Unit, li fuqu jinsab imsejjes fl-intier tieghu l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, intqal illi *"the use of the phrase 'serious financial loss' makes it absolutely clear that the financial loss required to meet the serious harm test must itself be serious."* Collins on Defamation, 2014 Ed., per Matthew Collins QC, 7.15, p. 150. Hawnhekk jikkwota lil Lord Hansard fil-House of Lords fit-23 ta' April 2013. Intqal ukoll, fil-kors tal-istess dibattiti Parlamentari in konnessjoni mal-introduzzjoni tal-kriterji ta' "*serious harm to reputation*", illi "*our core aim through the clause is to discourage trivial claims*"

*business in a dishonest, improper or inefficient manner, the law is the same as the case of an individual and the company can maintain an action without proof of special damage*." [4]

In tema ta' kliem diffamatorju indirizzat fil-konfront ta' ufficjali tal-kumpannija u mhux fil-konfront tal-prodotti jew servizzi offruti minnha, huwa ritenut li jeħtieġ li l-**kliem ikun kapaċi fih innifsu li jinftiehmu bħala referenza għall-kumpannija, b'mod illi kliem li jirrifletti unikament fuq l-uffiċjali jew soċji tal-kumpannija, m'huwiex azzjonabbli bhala libell istitwit mill-istess kumpannija**.

Ikkunsidrat;

Illi fl-Affidavit tieghu, l-attur ifisser illi l-**malafama fil-konfront tas-socjeta` Malta Air Traffic Services Limited (MATS)** tikkonsisti principalment fl-imputazzjoni li kien hemm tentattiv da parti tagħha biex tikser ir-regolamenti tal-*public procurement* għaliex, skont l-attur, ġie asserit fl-istess artikolu illi "*s-socjeta` MATS b'xi mod iggwidat lis-socjeta` M-Nav (Macedonja) dwar kif ghandha ddur ma' jew b'xi mod tghawweg ir-regolamenti tal-public procurement fl-akkwist ta' sistema gdida ta' air traffic management mis-socjeta` Taljana Leonardo*", liema asserzjoni hija falza[5]. Jikkontendi wkoll li l-allegazzjoni illi s-soċjeta` MATS kienet "*ikkuntattjat lill-Ambaxxata Taljana minhabba xi nuqqasijiet fis-sistema ikkummissjonata mis-socjeta` Leonardo*", ukoll hija inveritiera.

Jirriżulta mill-provi, senjatament mill-Affidavit tal-attur, illi s-soċjeta` MATS għalkemm hija proprjeta` tal-Gvern ta' Malta ghaliex l-uniku azzjonist huwa l-Gvern ta' Malta, hija soċjeta` kummercjali u kwindi għandha titqies bħala korp li jopera għall-qligħ. Għall-Qorti dan ifisser illi biex l-istqarrijiet impunjati jistgħu jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tagħha, is-soċjeta` attriċi jeħtiġilha turi li l-istqarrijiet ikkaġunaw jew huma kapaċi jikkawżawlha **telf finanzjarju serju.** Kif inghad, il-

[4] Gatley, *supra,* 8.16 p. 298.

[5] Fl-Affidavit tal-attur gie pprecizat illi effettivament dak li kien sar kien proprju upgrade tas-sistema ghaliex din kienet diga` giet akkwistata u istallata precedentement u kienu saru biss modifiki.

kriterju li jrid jigi sodisfatt b'mod tassattiv u preordinat għas-suċċess ta' azzjoni ta' libell fil-mertu huwa li l-korp irid ikun sofra minn ħsara **serja** lir-reputazzjoni tieghu konsistenti f'telf finanzjarju attwali jew prospettiv, li jkun serju.

Applikat l-insenjament u l-konsiderazzjonijiet appena magħmula għal dawn l-istqarrijiet li gew identifikati mis-socjeta` attrici bhala malafamanti fil-konfront tagħha, il-Qorti tqis illi irrispettivament mis-suċċess o meno ta' kull difiża sollevata mill-konvenut, ma jirrizultax illi dawn l-allegazzjonijiet jistgħu jikkaġunaw lis-soċjeta` attrici telf finanzjarju, wisq anqas telf finanzjarju serju. **F'dan il-każ huwa l-Gvern ta' Malta innifsu l-uniku azzjonist ta' din il-kumpannija - li qabel kienet tifforma parti mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili - u hu fatt notorju illi din il-kumpannija hija l-unika waħda f'Malta li tipprovdi servizzi ta' traffiku tal-ajru u navigazzjoni għall-avvjazzjoni ċivili u kummerċjali fiż-żona tal-ajru amministrata mill-Istat Malti. F'kull każ, l-attur ma sostanzja bl-ebda mod l-allegazzjoni li s-soċjeta' MATS soffriet telf finanzjarju jew b'liema mod tista' ssofri dan il-kalibru ta' telf bħala riżultat tal-allegazzjoni impunjata.**

Skont il-Gatley, "S. 1(2)[6] *will require that a body that trades for profit sets out in the particulars of claim,* ***how*** *the imputation has or is likely to cause it serious financial harm.*" (emfasi tal-Qorti).

Lanqas m'hija azzjonabbli l-imputazzjoni li s-socjeta` MATS ikkuntattjat lill-Ambaxxata Taljana dwar xi nuqqasijiet fis-sistema akkwisata minghad Leonardo, għaliex il-Qorti ma tarax kif allegazzjoni li sar kuntatt mal-Ambaxxata Taljana hi kapaci tikkaġuna telf finanzjarju serju lil korp li jopera ghal profitt, wisq inqas lis-socjeta` attrici li hija proprjeta` tal-Gvern ta' Malta. Fir-rigward, jinsab ritenut li l-fatt li l-imputazzjoni tista' ma tkunx korretta ma jfissirx necessarjament li hi diffamatorja ghall-fini li ssostni azzjoni ta' libell[7]

---

[6] L-artikolu ekwivalenti ghall-Art. 3(4) tal-Kap. 579.

[7] Ara Gatley. 2.1, p. 34: *"A true imputation may still be defamatory, although its truth may be a defence to an action brought on it; conversely, untruth alone does not render an imputation defamatory even though it may cause damage to the claimant*. ... It iss *not every untrue statement about another person that gives rise to a*

Għandu jingħad ukoll illi għalkemm l-allegazzjoni li l-kumpannija għamlet dikjarazzjoni inveritiera li s-sistema ġdida kienet meħtieġa bhala *upgrade* biex jiġu elużi r-regolamenti tal-*public procurement*, tista' timplika lill-attur bħala Kap Eżekuttiv ta' MATS, direttament f'dan l-aġir, il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tiegħu, din l-imputazzjoni partikolari ma ġietx identifikata mill-attur bħala malafamanti fil-konfront tieghu personali. **Kemm hu hekk fl-Affidavit tieghu huwa jfisser speċifikatament li l-persuna aggravata b'din l-imputazzjoni hi s-socjeta` attrici u hi l-istess socjeta` attrici li qieghda tikkontendi li l-imputazzjoni hi diffamatorja u mhux hu personalment.**

Hu xehed hekk:- "*Dan l-artikolu mhux biss fih diversi inezattezzi izda huwa malafamanti u libelluzi fil-konfront tieghi personalment ... izda wkoll fil-konfront tas-socjeta` li jiena qed nirrapprezenta billi jaghti x'jifhem illi din ittentat tikser ir-regolamenti tal-public procurement fost affarijiet ohrajn.*"

Imbagħad, iktar 'il quddiem fl-istess Affidavit, l-attur kompla jixhed:-

« *Hija wkoll assolutament inveritiera l-asserzjoni illi s-socjeta` MATS b'xi mod iggwidat lis-socjeta` M-Nav (Macedonja) dwar kif ghandha ddur ma' jew b'xi mod tghawweg ir-regolamenti tal-public procurement fl-akkwist ta' sistema gdida ta' air traffic management mis-socjeta` Taljana Leonardo.*"

**Il-Qorti hi tal-fehma illi ghas-suċċess ta' azzjoni ta' libell, il-persuna aggravata tehtieg mhux biss li tidentifika l-pubblikazzjoni impunjata iżda hija mistennija wkoll tidentifika l-istqarrijiet partikolari fil-pubblikazzjoni li qed jigu impunjati bhala diffamatorji fil-konfront taghha**. *Multo magis* meta l-istess persuna li tkun intavolat l-azzjoni *de proprio* kif ukoll f'kapacita` rappreżentattiva u tkun xehdet sija

---

*claim. An untrue imputation is only actionable in English law if it is defamatory*." Indubbjament, bl-introduzzjoni tal-Att dwar il-Midja u Malafama (Kap. 579) li giet imfassla kwazi kelma b'kelma fuq id-Defamation Act, UK, 2013, din hija wkoll il-pozizzjoni taht il-ligi Maltija.

f'isimha *proprio* kif ukoll in rapprezentanza tal-entita` jew il-persuna l-ohra aggravata[8].

Issa fil-każ odjern, l-attur fix-xhieda tiegħu dwar din l-imputazzjoni partikolari, jgħid illi **l-asserzjoni li s-soċjeta` M-Nav ġiet iggwidata kif għandha tgħawweġ ir-regolamenti tal-*public procurement*, saret fil-konfront tas-socjeta` MATS[9] u għamilha biżżejjed ċar li l-persuna aggravata bl-imputazzjoni dwar it-tentattiv li jigu elużi dawn ir-regolament, hija s-socjeta` MATS li huwa jirrapprezenta għall-fini ta' din l-azzjoni, u mhux hu personalment**. Kemm hu hekk, huwa jgħid li lanqas kien il-Kap Eżekuttiv tal-kumpannija fiż-żmien meta ġiet akkwistata din is-sistema l-ġdida.

Kif diġa' ġie stabbilit, il-Qorti tqis li l-kriterju ta' telf finanzjarju serju ma ġiex sodisfatt da parti tas-soċjeta' MATS u għalhekk l-azzjoni għal malafama safejn tikkonċerna lilha, ma tistax tirnexxi.

Iżda fi kwalsiasi każ, il-Qorti ma taqbilx mal-attur illi saret "*asserzjoni li s-socjeta` MATS b'xi mod iggwidat lis-socjeta` M-Nav (Macedonja) dwar kif ghandha ddur ma' jew b'xi mod tghawweg ir-regolamenti tal-public procurement fl-akkwist ta' sistema gdida…*" Kuntrarjament għal dak li xehed l-attur, il-Qorti ma riskontrat l-ebda imputazzjoni jew implikazzjoni fir-rapportaġġ tal-konvenut fl-artikolu, **li s-socjeta` MATS jew xi uffiċjal taghha taw xi parir dwar x'ghandu jsir biex tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-*public procurement*** u **tqis li din it-tifsira li fehem l-attur hija waħda mġebbda u m'hijiex wahda li raġjonevolment tinsilet mill-pubblikazzjoni impunjata. Il-konvenut, fil-pubblikazzjoni impunjata, evidentement irrepeta kważi *verbatim* il-kliem dirett tal-konversazzjoni**

---

[8] Collins jirritjeni illi l-persuni aggravati huma mistennija jfissru, fid-dikjarazzjoni tat-talba, l-imputazzjoni diffamatorja specifika li jkun qed jigi allegat li saret fil-konfront taghhom u fil-generalita` tal-kazi, mhuwiex bizzejjed li jigi riprodott biss il-kliem litterali tal-istqarrija. Ukoll "*distinct imputations should be pleaded distinctly…*" – *supra* 6.108, p. 143.

[9] "*Hija wkoll assolutament inveritiera l-asserzjoni illi s-socjeta` MATS b'xi mod iggwidat lis-socjeta` M-Nav (Macedonja) dwar kif ghandha ddur ma' jew b'xi mod tghawweg ir-regolament tal-public procurement fl-akkwist ta' sistema gdida ta' air traffic management mis-socjeta` Taljana Leonardo.*" – Affidavit tal-attur f'ismu proprju u f'isem is-socjeta` Malta Air Traffic Services Limited, fol. 28.

**telefonika (tradotta bl-Ingliż) u mkien ma jintqal jew jingħata x'jifhem fir-rapportaġġ tal-konvenut dwar is-silta relevanti, li s-socjeta` MATS "*iggwidat*" lil M-Nav dwar kif għandha tgħawweġ xi regolamenti**.

It-traskrizzjoni tat-telefonata li dehret fuq Rutube u li ġiet riprodotta fl-artikolu, kif ukoll l-istqarrija relevanti li rrapporta l-konvenut, jirriproduċu biss il-kliem tal-President tal-M-Nav li evidentement, qiegħed jirrakkonta lis-segretarju generali dak li jaf jew jallega li jaf, b'rabta mal-akkwist mill-Maltin tas-sistema ta' Leonardo, u xejn iktar minn hekk. **Ma ntweriex illi in kwantu jikkonċerna r-rapportaġġ tiegħu ta' din is-silta mill-pubblikazzjoni, il-konvenut għawweġ it-traduzzjoni tad-dijagolu mil-lingwa Maċedonjana għall-Ingliż biex jippubblika stqarrija li hija falza**.

Illi inoltre, il-konvenut eċċepixxa d-difiża taħt l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 579[10] u fir-rigward, il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

Fil-konversazzjoni li ġiet ippubblikata fuq Rutube, iż-żewġ uffiċjali Maċedonjani jgħidu li s-sistema li akkwistaw il-Maltin ġiet dikjarata bħala *upgrade* biex jiġu evitati r-regoli tal-*public procurement* u minn din il-perspettiva, il-Qorti tqis li l-konvenut kellu raġun li jqis din id-dikjarazzjoni bħala materja ta' interess pubbliku. Dan qed jingħad mhux għaliex din il-konversazzjoni li ġiet *leaked*, tqajmet skandlu pubbliku u kontroversja sħiħa fil-Maċedonja dwar korruzzjoni fil-Gvern u lanqas għaliex il-persuni involuti huma Maċedonjani, **iżda għaliex il-parti relevanti ta' dan id-djalogu li ġie pubblikat mill-konvenut, jikkonċerna tabilħaqq kumpannija tal-Gvern Malti li qed jingħad illi għamlet dikjarazzjoni falza fl-akkwist tas-sistema ta' Leonardo allegatament maħsuba biex tiżgiċċa r-regolamenti tal-*public procurement*.**

Jinsab ritenut illi materji ta' interess pubbliku jikkonċernaw prinċipalment:-

---

[10] Eċċezzjoni 1(b) fir-Risposta tal-konvenut, fol. 13.

"*... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ...* ***the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure****, but excluding matters which are personal and private, such that there is no public interest in their disclosure.*"[11] (emfasi tal-Qorti)

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku, proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku u tqis ukoll li meta f'materja li tikkonċerna entita' pubblika, jibqa' xi dubju dwar jekk il-pubblikazzjoni hijiex fl-interess pubbliku, il-kwistjoni għandha tiġi riżolta favur pubblikazzjoni tal-informazzjoni[12].

Il-Qorti tqis li jissussisti interess pubbliku ċar fil-materja li ġiet diskussa bejn iż-żewġ uffiċjali Maċedonjani b'karigi pubbliċi importanti u li ġiet pubblikata mill-konvenut, għaliex il-pubbliku Malti għandu interess, nonche' id-dritt, li jiġi mgħarraf dwar dak kollu li jikkonċerna *inter alia*, it-tmexxija ta' entitajiet tal-Gvern Malti inkluż entitajiet b'interessi kummerċjali. *Multo magis* meta jitqanqlu suspetti dwar xi irregolarita' fil-mod li l-attivitajiet tagħhom jiġu kondotti.

Għalhekk il-Qorti jidhrilha illi d-difiża mqanqla mill-konvenut taħt l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 579 hija tajba u tqis ukoll li l-kriterji kollha biex din tiġi akkolta, jissussistu **iżda limitatament safejn hija konċernata l-pubblikazzjoni tat-traskrizzjoni tad-dijalogu dirett bejn iż-żewġ uffiċjali Maċedonjani riprodotta fl-artikolu tal-konvenut fejn saret l-allegazzjoni li s-sistema ġiet dikjarata bħala *upgrade*.** Ma ntweriex li l-konvenut fil-pubblikazzjoni tad-djalogu in diżamina, kien motivat minn

[11] **Reynolds v. Times Newspapers Ltd** – per Lord Bingham at 176-177 [2001] 2. A.C. 127.
[12] Ara fost ohrajn **Ferdinand v. MGN Ltd** [2011] EWHC 2454 (QB).

malizzja u taqbel illi huwa seta' raġjonevolment jemmen illi r-referenza li saret minn uffiċjali pubbliċi Maċedonjani għall-possibbilita' li kien hemm xi irregolarita' f'xi akkwist li għamlet kumpannija tal-Gvern Malti, hija materja ta' interess pubbliku.

Ikkunsidrat;

Illi għandu jingħad illi r-referenza li saret għall-Artikolu 4(4) tal-Kap. 579 imsemmija fl-ewwel paragrafu fir-Risposta tal-konvenut, m'hijiex f'lokha. Din id-dispozizzjoni legali ma toħloq l-ebda difiża *ad hoc* għaliex tipprovdi biss it-tifsira tat-terminu "*dikjarazzjoni privileġġjata*" meta din tingħata bħala l-bażi tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artiklu 4(2)(ċ)(ii) tal-Att għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta. Kemm hu hekk, is-subartikolu (4) ta' dan l-Artikolu jagħmilha ċar illi jekk pubblikazzjoni ser tiġi mfissra bħala "*dikjarazzjoni privileġġjata*" abbażi ta' dan is-subartikolu, dan jgħodd biss fil-kuntest tad-difiża tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579. Iżda din id-difiża ma ġietx invokata mill-konvenut.

Konsegwentement, billi l-pubblikazzjoni impunjata ma tistax titqies bħala "*dikjarazzjoni privileġġjata*" taħt l-Artikolu 4(4) tal-Kap. 579, mhux meħtieġ li jiġu mistħarrġa s-siwi tas-sottomissjonijiet li għamel l-abbli difensur tal-atturi b'rabta mat-tifsira ta' "*medium stabbilit*" u dwar jekk pubblikazzjoni li saret fuq il-pjattaforma Rutube, tissodisfax il-kriterju ta' "*pubbliċita' b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'medium stabbilit*".

Ikkunsidrat;

Imbaghad, fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenut li l-pubblikazzjoni hi privileġġjata taħt l-Artikolu 7 tal-Att, il-Qorti tqis li din ukoll m'hijiex tajba. Dan qed jinghad ghaliex fil-fehma taghha, dokumenti u korrispondenza tal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi jew bejn uffiċjali pubbliċi barranin, ma jistgħux igawdu minn protezzjoni taħt dan l-Artikolu: hu ovvju li din id-dispożizzjoni legali tirreferi limitatament għal komunikazzjonijiet bejn persuni li jitqiesu li huma uffiċjali pubbliċi f'Malta skont id-

definizzjoni ta' "*uffiċjal pubbliku*" li nsibu fil-Kostituzzjoni ta' Malta u jew f'leġislazzjoni speċifika oħra li tkun applikabbli għall-fattispeċje tal-każ. Fi kwalunkwe każ, il-pubblikazzjoni in dizamina tikkonsisti fi traskrizzjoni mhux uffiċjali bl-Ingliż ta' telefonata li saret fil-lingwa Maċedonjana, bejn żewġ uffiċjali barranin mhux fuq bazi ufficjali. Komunikazzjoni li żgur ma jirriżultax, talanqas minn dak li għandha quddiemha l-Qorti, li saret *bona fide* fl-interess pubbliku.

Ikkunsidrat;

Illi mbagħad fl-Affidavit tieghu l-attur Dr. Kenneth Chircop fisser li ħassu malafamat personalment bl-imputazzjoni magħmula mill-konvenut, li huwa ta parir lill-*counterpart* Macedonjan tiegħu dwar kif ghandu jitħallas *commissions* illeċiti.

Il-konvenut, fil-pubblikazzjoni impunjata annessa mar-Rikors promotur[13], irrapporta hekk:-

"*Their system is very similar to the one we should buy"* Taskesi responded. *"The Maltese CEO told me 'Nick, remember one thing ... **you will not <u>sign</u> a commission until the very end** when every issue has been cleared. The moment you sign, it's over, and Leonardo won't come back.' They* [the Maltese] *have now written to the Italian embassy to flag serious omissions in the installation of the system.* The CEO isn't mentioned by name, but appears to be a reference to Kenneth Chircop, CEO of the Malta Air Traffic Services.*"*[14] (emfasi tal-Qorti)

Mill-provi jirriżulta illi din hija l-verżjoni emendata tal-artikolu oriġinarjament ippubblikat mill-konvenut fl-10 ta' Lulju 2019. L-artikolu oriġinali ġie mehmuż mal-Affidavit tal-attur Dr. Kenneth Chircop[15] fejn jirriżulta li s-silta fuq ċitata, kienet taqra hekk kif ġej:-

[13] Dok. A, ara fol. 4.
[14] Fol. 4 tal-atti – parti minn Dok. A – il-pubblikazzjoni impunjata.
[15] Dok. 2, fol. 32 *et seq*.

"*Their system is very similar to the one we should buy"* Taskesi responded. *"The Maltese CEO told me 'Nick, remember one thing … **you will not take a commission until the very end** when every issue has been cleared. The moment you sign, it's over, and Leonardo won't come back.' They* [the Maltese] *have now written to the Italian embassy to flag serious omissions in the installation of the system.* The CEO isn't mentioned by name, but appears to be a reference to Kenneth Chircop, CEO of the Malta Air Traffic Services.*"* [16] (emfasi tal-Qorti)

Il-konvenut jammetti fix-xhieda tiegħu li huwa kien ikkorreġa l-artikolu safejn huwa oriġinarjament uża l-kliem "*take a commission*" u sostiwixxa l-parti relevanti bil-kliem "*sign a commission*" u l-Qorti wara li eżaminat l-atti fehmet li din il-korrezzjoni kienet diġa' ġiet pubblikata sal-għada għaliex effettivament, l-attur ipproduċa l-verżjoni emendata flimkien mar-Rikors promotur li ġie intavolat l-għada stess 11 ta' Lulju 2019.

Is-segwenti hija s-silta relevanti tad-**dijaolgu dirett** bejn iż-żewġ uffiċjali Macedonjani li ġie pubblikat fuq Rutube b'*subtitles* bl-Ingliż, liema *subtitles* ġew riprodotti fl-artikolu tal-konvenut:-

"*President of the Board: So, their system is very similar with the one that we should buy. Their* (Maltese) *CEO told me this: Nick, remember one thing, **you will not sign commission until the very last moment** when every issue has been cleared. The moment you sign. It is over, they* (Leonardo) *won't come again. They reacted with notes to the Italian Embassy for the serious omission in the installation.*" (emfasi tal-Qorti)

Ikkunsidrat;

---

[16] Fol. 4 tal-atti – parti minn Dok. A – il-pubblikazzjoni impunjata.

Mhux kontestat illi, kif ingħad fl-artikolu impunjat, f'Ottubru 2018 delegazzjoni minn M-Nav[17], fosthom il-President Nikolche Taseski[18], kienu ġew Malta biex jiddiskutu ma' rappreżentanti tas-socjeta` MATS is-sistema l-ġdida ta' amministrazzjoni ta' traffiku tal-arju (ATM) li MATS kienet għadha kif akkwistat mingħand il-kumpannija Taljana Leonardo, fost materji oħrajn relatati. Jirriżulta wkoll mill-artikolu tal-konvenut illi t-telefonata bejn Taseski u s-Segretarju Generali tal-Gvern Maċedjonan ukoll saret f'Ottubru 2018, in segwitu għall-imsemmija laqgħa bejn id-delegazzjoni Maċedonjana u rappreżentanti ta' MATS. Mill-korp tal-artikolu, senjatament it-traskrizzjoni tat-traduzzjoni tat-telefonata, wieħed jifhem li dak iż-żmien M-Nav kienet qed tfittex biex tixtri sistema ġdida ta' *air traffic management* simili ghal dik li kienet akkwistat recentement is-socjeta` MATS u kienet partikolarment interessata fis-sistema tas-socjeta` Leonardo.

Minn qari tas-silta mit-traskrizzjoni tat-telefonata kif riprodotta fl-artikolu impunjat, jirriżulta li s-soġġett tad-djalogu fl-istess telefonata kien proprju l-istallazzjoni is-sistema ta' Leonardo li M-Nav kienu interessati jakkwistaw: "*a €7 million tender for the provision of an air traffic management system for an airport in Skopje, funded by the European Bank for Reconstruction and Development*." Stabbilit dan, wieħed jista' jifhem li l-kliem "*sign commission"*, fid-djalogu bejn iż-żewġ uffiċjali, intqal b'referenza għall-ordni ossia kummissjoni ta' din is-sistema. Dan qed jingħad għaliex minn analiżi bir-reqqa tat-traskrizzjoni tat-telefonata kif riprodotta fl-artikolu, jirriżulta li Taseski kien qed jirrapporta lis-segretarju ġenerali l-iżvantaġġi tas-sistema ta' Leonardo u li skont ma qallu s-CEO Malti, il-"*commission"* għandu jiġi ffirmat ("*sign"*) biss fl-aħħar mument wara li ma jkunx għad fadal kwistjonijiet u dan għar-raġuni li, skont kif kompla jirrapporta l-istess Taseski, meta l-Maltin riskontraw nuqqas serju fl-istallazzjoni tas-sistema, spiċċaw kellhom jikkuntattjaw l-Ambaxxata Taljana għaliex Leonardo "*won't come again*".

[17] L-entita` Maċedonjana li tipprovdi servizzi tal-kontroll tal-arju.
[18] Indikat bhala « President of Board » fit-traskrizzjoni tat-telefonata formanti parti mill-artikolu impunjat – Dok. A.

**Għalhekk, il-kliem "*sign commission*", meta jinqara limitatament fil-kuntest tas-silta tat-traskrizzjoni tad-dijaolgu dirett kif riprodotta fl-artikolu, hu konsistenti man-nuqqas ta' Leonardo li tiġi tirrimedja n-nuqqasijiet fis-sistema li jinqalgħu wara l-istallazzjoni u l-importanza li jiġi assigurat li l-inkarigu għall-istallazzjoni tas-sistema jiġi ffirmat fl-aħħar wara li jiġu riżolti l-problemi kollha**[19]. Ma jirriżultax minn qari iżolat tat-traskrizzjoni tat-telefonata, kif riprodotta fl-artikolu in diżamina, li kien qed jigi diskuss **ħlas ta' *commission*** fis-sens monetarju. Infatti, il-kliem speċifiku li uża l-President ta' M-Nav meta qal li s-sistema ta' Malta hija simili ħafna għal dik li trid tixtri l-M-Nav, huwa "*sign commission*" u mhux, per eżempju "*pay*" jew "*take*" *commission*.

L-attur isostni li minkejja dan, l-istqarrija li għamel il-konvenut dwar dak li ntqal bejn iż-żewġ uffiċjali Maċedonjani tgħawweġ il-fatti u twassal l-imputazzjoni illi huwa ggwida lir-rapprezentanti ta' M-Nav dwar kif għandhom jieħdu *commissions* b'mod illeċitu. Hu xehed hekk fir-rigward:-

"*Hija falsita` assoluta li jiena qatt iggwidajt lill-counterparts Macedonjani taghna dwar kif ghandhom jiehdu commission u huwa pjuttost evidenti illi hawn l-artikolist hawwad il-kelma commission ta' sistema gdida (kummissjonar tas-sistema) ma commission fi flus*".

Ikkunsidrat;

Il-Qorti diġa' ddeċidiet illi l-pubblikazzjoni tat-traskrizzjoni tal-konversazzjoni attwali bejn iż-żewġ uffiċjali Maċedonjani hija privileġġjata għall-fini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 579, **iżda ma tqisx li dan il-privileġġ jista' jestendi bl-istess mod għar-rapportaġġ tal-konvenut dwar din il-konversazzjoni kwantu jikkonċerna l-attur Dr. Kenneth Chircop *de proprio* u jidher li huwa proprju dan ir-rapportaġġ li qed jiġi impunjat mill-attur**.

---

[19] *"It is … a matter of fact whether any words convey the defamatory imputation alleged, and this may depend to a great extent on the circumstances and context of a particular publication."* – Gatley, *supra*, 2.27, p.64

Fir-rigward, il-Qorti tibda biex tosserva illi jekk ġaladarba l-istqarrija impunjata hi kapaċi tinftiehem fis-sens li jfisser l-attur, cioe` li huwa ta parir lil rappreżentanti ta' M-Nav dwar kif għandhom jieħdu *commissions* f'sens monetarju b'mod illeċitu fuq ix-xiri ta' sistema ta' ATM mingħand is-socjeta` Leonardo, tkun qiegħda twassal l-imputazzjoni li l-attur, uffiċjal għoli fis-soċjeta' MATS, kien ipperċepixxa xi *commission* fuq il-kuntratt mogħti lil Leonardo għall-istallazzjoni tas-sistema ta' Leonardo u kwindi mexa b'kondotta illecita. Din l-imputazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tkun waħda serja għaliex timpingi fuq l-integrita`, responsabbilita` u serjeta` tal-persuni involuti, fosthom l-attur bħala l-Kap Eżekuttiv tal-entita' in diżamina u bħala tali, tkun kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom u titqies bhala imputazzjoni diffamatorja għall-fini tal-ħtiġijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att[20].

Hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[21], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[22], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Biex jigi stabbilit jekk l-istqarrija twassalx l-imputazzjoni partikolari li qed tiġi impunjata fl-azzjoni, huwa wkoll meħtieġ f'kull każ illi l-kliem diffamatorju jkun kapaċi jinftiehem bhala referenza ghall-persuna aggravata. F'dan il-kaz hu evidenti mir-riproduzzjoni fl-artikolu impunjat tal-konversazzjoni telefonika[23] bejn iż-żewġ ufficjali Macedonjani, li l-persuna li allegatament semma' l-kelma "*commission*" lill-

---

[20] Kliem li jimputaw lill-persuna aggravata "*misconduct in business*" u li inaqqsulha giehha fil-qasam tal-professjoni taghha, gew meqjusin bhala diffamatorji – **Foulger v Newcomb** (1867) L.R. 2 Ex. 327

[21] Collins on Defamation, 2014 Ed., per Matthew Collins QC. 6.10 p.117.

[22] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

[23] Tradotta mill-Macedonjan ghall-Ingliz.

President ta' M-Nav, kienet is-"*CEO*" tal-entita` Maltija li kienet reċentement akkwistat sistema ta' *air traffic management* minghand is-soċjeta` Leonardo. Imbagħad, il-konvenut fl-artikolu jgħid hekk: "*The CEO is not mentioned by name, but appears to be a reference to Kenneth Chircop, CEO of Malta Air Traffic Services.*" Għaldaqstant, m'hemmx wisq dubju li l-attur Kenneth Chircop huwa kjarament identifikabbli bhala l-persuna li saret referenza ghaliha fl-istqarrija impunjata mill-attur.

Jinghad ukoll illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluz naturalment wahda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-principji applikabbli ghad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, id-decizjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[24] elenka s-segwenti:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available. (3) over-elaborate analysis is best avoided. (4) the intention of the publisher is irrelevant. (5)* ***The article must be read as a whole…*** *(6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation …'*

[24] [2008] EWCA.

*(8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense.*"[25] (emfasi tal-Qorti)

Ikkunsidrat;

**Hu evidenti li l-konvenut fir-rapportaġġ tiegħu dwar din is-silta, ma rriproduċiex fedelment it-test tad-diskors u kkummenta dwarha b'mod li josfuka mhux ftit it-tifsira tal-kliem li kien qed jirrapporta Taseski fit-traskrizzjoni tat-telefonata.** Għall-Qorti hu ovvju li l-użu mill-konvenut fir-rapportaġġ tiegħu dwar it-telefonata in diżamina, tal-kliem "*take a commission*" iżda anke l-kliem "*sign a commission*", mhux biss huwa skorrett għall-aħħar u ma jikkostitwixxix rapportaġġ fidili u *bona fide* għaliex ma jirriflettix id-diskors dirett, iżda timplika li fid-diskussjonijiet tiegħu ma' Taseski, l-attur kien qed jgħidlu kif jew meta għandu jieħu ("*take*") *commission* b'rabta mal-istallazzjoni tas-sistema ta' Leonardo.

Kif rajna, il-prinċipju regolanti in materja hu li "*the reasonable reader is assumed to have read the whole article complained of*"[26] u l-Qorti tqis illi meta l-qarrej ordinarju jaqra l-artikolu sħiħ, ċioe' t-traskrizzjoni din is-silta tal-konversazzjoni telefonika **<u>u</u>** r-rapportaġġ tal-konvenut dwar din l-istess silta minnufih wara fl-istess artikolu, il-kuntest ta' dak li ntqal fit-telefonata jingħata xeħta ferm differenti b'mod li l-qarrej jiġi żvijat biex jinterpreta l-konversazzjoni fis-sens li jimplika l-konvenut u mhux fis-sens li kif stabbilit, jista' altrimenti jinftiehem, liema implikazzjoni hija waħda li tinftiehem raġjonevolment mill-qarrej ordinarju dodat b'intelliġenza normali u hija waħda wkoll li hi kapaċi tagħmel ħsara sejra lir-reputazzjoni tal-attur.

.

Hawnhekk għandu jingħad illi huwa minnu li l-artikolu li qed jiġi impunjat mill-atturi f'din l-azzjoni huwa dak li huwa anness mar-Rikors promotur bir-rapportaġġ tal-kliem

---

[25] Fir-rigward intqal ukoll:- *"it is clearly established at common law that in determining the meaning of words the intention and knowledge of the publisher are immaterial … "meaning is an objective test, entirely independent of the defendant's state of mind and intention". … what imputation is conveyed by any particular words is to be determined on an objective test, that is, by the meaning in which the ordinary reasonable person would understand them, and not determined by what the defendant intended to convey*."

[26] **Cruddas v. Calvert** [2013] EWHC 1427 (QB).

"*sign a commission*" u mhux l-artikolu esebit mal-Affidavit tal-attur iżda kif rajna, il-konvenut jammetti fix-xhieda tiegħu illi l-artikolu oriġinali kien fih il-kliem "*take a commission*". Iżda l-Qorti tosserva illi dakinhar stess, ftit iktar minn tliet sigħat wara fis-7.32 pm tal-10 ta' Lulju 2019, ġie pubblikat artikolu ieħor mill-konvenut kontenenti ċ-ċaħda u l-kummenti tal-attur Dr. Kenneth Chircop, iżda b'riproduzzjoni tar-rapportaġġ preċedenti fejn il-konvenut reġa' uża l-kliem "*take a commission*" (Dok. 5[27]). Dan ifisser illi filwaqt illi jirriżulta li l-artikolu oriġinali li ġie imtella' fuq is-sit elettroniku lovinmalta.com ġie effettivament korreġġut biex il-kliem "*take a commission*" ġew sostitwiti bil-kliem "*sign a commission*"[28], kif del resto ammetta l-konvenut innifsu fix-xhieda tiegħu[29], jibqa' l-fatt illi l-iktar artikolu reċenti ppubblikat mill-konvenut, kontenenti l-kummenti tal-attur, jidher li baqa' jġorr il-kliem "*take a commission*".

Iżda fi kwalsiasi każ li jkun, il-Qorti tqis illi l-effett tal-manipolazzjoni tal-kliem użat mill-konvenut fir-rapportaġġ tiegħu b'rabta ma' dak li kien qed jirrapporta Taskesi lis-Segretarju Generali tal-Gvern Macedonjan, hu li xejra differenti lill-kliem *verbatim* ta' Tsaseki. Xejra li kapaċi twassal implikazzjoni li l-attur, bħala Kap Ezekuttiv ta' MATS, kien qed jiddiskuti mal-uffiċjal Maċedonjan il-ħlas ta' *commissions* fuq l-akkwist tas-sistema ta' Leonardo. Filwaqt li, kif rajna, l-kliem "*sign commission*" fit-traskrizzjoni tat-traduzzjoni tad-diskors dirett ippubblikat fl-artikolu impunjat, jinftiehem bħala referenza għall-inkarigu tal-istallazzjoni tas-sistema li kienu interessati fiha l-M-Nav, l-użu tal-kelma "*take*" u ż-żieda tal-kelma "*a* [commission]" jiffaċilitaw tifsira ferm differenti tal-kelma *commission* minn dik li altrimenti tinftiehem minn qari tas-*subtitles* attwali tal-konversazzjoni, **partikolarment meta dan it-test jitqiegħed fl-isfond ta' u jinqara flimkien mat-titolu tal-artikolu magħżul mill-konvenut "'*The Maltese are Crooks', Says Top Macedonian Official In Leaked Conversation*"**.

[27] Ara speċifikatament, fol. 53.
[28] Hu ovvju li l-artikolu mehmuż mar-Rikors promotur huwa iktar reċenti għaliex taħtu jinsabu kummenti ġodda li ma jidhrux fl-artikolu li esebixxa l-attur mal-Affidavit tiegħu.
[29] Ara fol. 76/77.

Kemm hu hekk, dan ir-rapportaġġ mhux fidili tal-konvenut minnufih ġie osservat minn qarrej partikolari (Bryan Sullivan) li fil-kumment tiegħu dwar l-artikolu ppubblikat mill-konvenut, identifika l-izball ("big mistake") u qal "*The conversation mentioned 'sign commission' in respect of the commissioning of equipment. Never mentions 'take commission' as interpreted above. Unfair reporting*.

Għall-Qorti, l-imputazzjoni li raġjonevolment titwassal bir-rapportaġġ tal-konvenut, imqiegħed fil-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni fosthom is-soġġett, it-titolu u l-allegazzjonijiet l-oħrajn li saru, hija dik li l-attur kien qed iwassal informazzjoni dwar ħlas ta' *commissions* monetarji b'mod mhux regolari b'rabta mal-istallazzjoni tas-sistema ta' Leonardo. Din l-imputazzjoni kif rajna, hija waħda li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur *de proprio* li, f'din it-transazzjoni kien qed jaġixxi fi rwol bħala Kap Eżekuttiv ta' kumpannija tal-Gvern, rwol li fih ikun manifestament illeċitu li wieħed jirċeivi ħlas ta' *commissions* fuq l-għoti ta' *direct orders*. Għaldaqstant, din l-istqarrija hija waħda diffamatorja għall-attur Dr. Kenneth Chircop.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma illi dan huwa każ ta' nuqqas ta' ġornalizmu responsabbli da parti tal-konvenut għaliex dak li huwa rrapporta fi kliemu m'huwiex fidili għal dak li effettivament intqal fit-telefonata u għalhekk, ma għandux raġun jargomenta li l-artikolu **<u>sħiħ</u>** huwa privileġġjat a tenur tal-Artikolu 5 tal-Att. Il-ġudizzju editorjali tal-konvenut ma jistax jitqies li jestendi għal rapportaġġ li m'huwiex akkurat u li jgħawweġ il-kliem *verbatim* tal-materja rapportata. Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax rapportagg bħal dan li hu evidentement kapaċi jagħti lok ghal interpretazzjoni mhux korretta tad-dijalogu dirett ippubblikat fl-artikolu u tqis illi fiċ-ċirkostanżi il-konvenut ma setax jemmen raġjonevolment li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija tiegħu dwar il-konversazzjoni telefonika in kwistjoni, kienet ta' interess pubbliku. **Wara kollox, ma jista' qatt ikun hemm l-ebda interess pubbliku f'rapportaġġ inakkurat u li jiżvija lill-qarreja għall-fini tas-sensazzjonaliżmu.** Fir-rigward, huwa ritenut illi d-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess

pubbliku (taħt l-Artikolu 5 tal-Att) tista' tirnexxi biss fejn il-konvenut raġjonevolment emmen li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata – diversament għall-pubblikazzjoni fl-intier tagħha – kienet fl-interess pubbliku:- "*where the statement complained of is not on a matter of public interest, and makes no real contribution to the statement as a whole, even after allowing for mattesr of editorial judgement, the ... defence will fail because the defendant will not have proved a reasonable belief that publishing the statement complained of was in the public interest*"[30].

Illi huwa minnu li midja libera u indipendenti tikkostitwixxi wahda mill-pedamenti fondamentali u neċessarji għal soċjeta` li ġenwinament iħaddan il-valuri tad-demokrazija, u huwa minnu wkoll li d-dritt tal-liberta` ta' espressjoni huwa fondamentali biex il-ġurnalist jista' jeżercita l-professjoni tiegħu b'mod effettiv, bla xkiel u interferenzi bil-għan li jgħaddi informazzjoni, analisi jew kritika lill-pubbliku. Pubbliku li, min-naħa tiegħu, għandu d-dritt għal tali informazzjoni, analisi jew kritika. Iżda l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jirrikonoxxi li d-dritt tal-liberta` tal-espressjoni, anke dik ġornalistika, mhux assolut u għandu limitazzjonijiet li jfisser li l-midja għandha wkoll obbligi u hija mistennija li tipprattika l-etika ġornalistika u l-ġornalizmu responsabbli. Dawn il-prinċipji jesiġu li r-rapportaġġ isir kemm jista' jkun b'mod fidili u akkurat u billi jiġi assikurat li b'dak li jinkiteb ma jingħatax lok għal xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fit-tieni parti tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, fosthom il-ħsara għar-reputazzjoni.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Bladet Tromso and Stensaas v. Norway**[31] kienet esprimiet ruhha hekk fir-rigward tal-limitazzjoni ghad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni:-

*"Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and*

[30] Lord Hoffman, f'**Jameel v. Wall Street Journal Europe Sprl** (2007) UKHL 44, 1 AC 359, para. 49.
[31] 20 ta' Mejju, 1999.

*responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"... By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism."*

Għandu jingħad ukoll li l-prinċipji ta' ġornaliżmu responsabbli u l-ħtieġa li ssir distinzjoni ċara bejn dawk li huma fatti, u kummenti jew konġettura, huma fost dawk imħaddna mill-kodiċi tal-etika tal-Istitut tal-Gornalisti Maltin, li tesiġi wkoll li: "*Whenever it is established that a significant inaccuracy, misleading statement or distorted report has been broadcast or published, it should be corrected promptly and prominently* (Art. 2.7); *"Direct quotes must be accurate"* (Art. 2.8); *u "... malicious distortion of facts ... should be considered as grave offences against the profession of journalism and a betrayal of public trust in the profession* (Art. 2.9).

Ikkunsidrat;

Dan kollu premess, għandu wkoll jiġi puntwalizzat illi rapportaġġ li jkun sar bi ksur tal-etika ġornalistika ma jfissirx neċessarjament li l-artikolu impunjat huwa diffamatorju għall-fini tal-liġi tal-malafama. Il-konvenut xehed illi l-prospett ta' "*scoop*" huwa wiehed mill-elementi fondamentali tal-gurnalizmu investigattiv. Il-Qorti dan tifhmu u filwaqt li tirrikonoxxi wkoll li l-konvenut meta ppubblika l-artikolu minghajr ma stenna t-twegiba tal-attur bil-kummenti tieghu, seta' mexa wkoll b'nuqqas ta' etika gornalistika, din il-kondotta fiha nnifisha ma jfissirx li l-pubblikazzjoni fiha nnifisha hija malafamanti[32] għalkemm ċertament, din tkun relevanti ferm għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni taħt l-Artikolu 11 tal-Att[33].

---

[32] *"It is clear however, that putting the proposed story to the claimant and seeking his version is not in all cases a requirement of reliance on privilege. Failure to do so (or to make adequate efforts to do so) will generally weigh in the scales against the defendant* ***but the ultimate issue depends on the facts of the case****. … Accordingly the failure to give a longer opportunity to respond did not invalidate the defence*."

Għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-konvenut emenda l-artikolu oriġinali biex minflok "*take a commission*", uża l-kliem "*sign a commission*" liema korrezzjoni iżda, xorta waħda m'hijiex akkurata u fidili u ftit tgħin biex jitwarrab l-implikazzjoni li l-attur seta' laħaq xi ftehim dwar *commissions* b'mod mhux regolari fl-istallazzjoni tas-sistema ta' Leonardo meta, kif rajna, fir-rwol tiegħu ta' Kap Eżekuttiv ta' kumpannija tal-Gvern m'hemmx lok leġittimu għall-ħlas ta' *commissions*. Huwa wkoll preżunt li l-artikolu oriġinali li ttella' fuq *on-line media portal* kien disponibbli minnufih lil firxa wiesa' ta' persuni u l-qarrej komuni m'huwiex ordinarjament mistenni li jerga' jfittex l-istess artikolu li jkun diġa' qara anke jekk jintebaħ li in segwitu, dan ikun ġie soġġett għal xi forma ta' editjar. Relevanti wkoll il-fatt illi għalkemm sussegwentement ippubblika l-kummenti tal-attur, dik il-pubblikazzjoni baqgħet turi l-kliem "*take a commission*".

Ħadet qies ukoll tal-fatt li l-konvenut ippubblika t-traskrizzjoni tal-parti relevanti tat-telefonata bl-użu tas-*subtitles* attwali bl-Ingliż li dehru fuq is-sit Rutube u l-fatt li jirriżulta li huwa ħa ħsieb jivverifika preventivament li din it-traduzzjoni kienet waħda korretta u l-fatt illi l-pubblikazzjoni tat-traskrizzjoni attwali ta' dik it-telefonata kienet dwar materja ta' interess pubbliku (diversament, iżda mir-rapportaġġ tiegħu). Minn din il-perspettiva, il-fatt li l-konvenut irriproduċa, fl-artikolu impunjat, it-test attwali tal-konversazzjoni telefonika b'mod emfasizzat fil-korp tal-pubblikazzjoni, jista' jittieħed bħala xi forma ta' mitiganti għaliex b'hekk il-qarrej li jaqra l-artikolu sħiħ jista' forsi jintebaħ bil-konflitt bejn il-kliem *verbatim* tat-traduzzjoni bl-Ingliż tad-djalolgu dirett u l-kliem użat mill-konvenut u jista' jasal biex jifhem illi dak li rrapporta l-konvenut m'huwiex effettivament riproduzzjoni akkurata ta' dak li ntqal fil-konversazzjoni bejn iz-zewg ufficjali Macedonjani. Għalkemm ovvjament dan mhux biżżejjed biex jinnewtralizza l-imputazzjoni diffamatorja li titwassal bir-rapportaġġ mhux fidili tal-konvenut, il-Qorti sejra tieħu dan in konsiderazzjoni għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni bħalma sejra tieħu wkoll kont tal-fatt illi l-attur ma

[33] Gatley: *supra* 15.13 p. 657.

weriex li kif attwalment din il-pubblikazzjoni ikkaġunat ħsara lir-reputazzjoni tiegħu. Għandu wkoll jingħata d-debita konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni lill-interess tal-proporzjonalita' u l-impatt illi l-ħlas tas-somma li għandha tingħata x'aktarx ikollu fuq is-sit elettroniku u l-ġurnalist in kwistjoni[34].

Fl-istess waqt, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi evidentement, il-konvenut ma setax ma kienx jaf li qed jimmanipola t-tifsira ta' dak li kien qed jiġi diskuss fit-telefonata u li konsegwentement, ir-rapportaġġ tiegħu kien qarrieqi u mhux wieħed *bona fide*.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt illi tiċħad it-talbiet fir-Rikors promotur safejn dawn saru mill-attur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Malta Air Traffic Services Limited u filwaqt li tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet mmarkati 1(a) u 1(c) fir-Risposta tal-konvenut u tiċħad l-eċċezzjonijiet immarkati 1(b) u 2 fl-istess Risposta biss safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur Dr. Kenneth Chircop *proprio* billi tiddikjara li l-pubblikazzjoni impunjata hija libelluża fil-konfront tiegħu u billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess attur *de proprio* danni morali għall-malafama fis-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[34] Artikolu 11(4) tal-Att.